**S4.2.3**
Ikollna esperjenza ta' test storiku ibbażat fuq l-evidenza.

## A. Aqra dan li ġejja.

### L-Għarab f'Malta
silta għall-qari adattata mid-Denfil 6.



In-Normanni jinżlu Malta

Għall-ħabta tas-seklu Sebgħa fil-Mediterran qamet qawwa ġdida. Din kienet l-Islam u x-xerrieda ta' din ir-reliġjon kienu l-Għarab. Billi Malta tinsab f'nofs il-Mediterran, l-Għarab ħaduha taħt idejhom fis-sena 870 W.K.

L-Għarab damu hawn Malta madwar erba' mitt sena, saħansitra wara li r-Re Ruġġieru II ġie Malta fis-sena 1127. L-Għarab, bħall-Insara, jemmnu f'Alla wieħed, iżda jagħrfu lil Muhammad bħala l-ikbar profeta. Dak iż-żmien f'Malta kienu jgħixu ġnus differenti. Il-Lhud, l-Insara u l-Musulmana kienu jitħallew jipprattikaw ir-reliġjonijiet tagħhom, għad li xi kittieba jgħidulna li f'dak iż-żmien f'Malta qajla kien baqa' twemmin fi Kristu.

Kienu l-Għarab li tawna s-sistema tal-għadd kif nafuha llum. Kienu l-Għarab li għenu l-biedja u daħħlu siġar ġodda fil-gżejjer, fosthom il-ħarruba, it-tina u l-lewża, u t-tkabbir tal-qoton. Kienu l-Għarab li bidlu l-ismijiet tal-gżejjer tagħna f'Malta, Għawdex u Kemmuna. (N.B. Konna naħsbu li l-Għarab ċekknu

l-belt il-qadima u saħħew l-Imdina kif nafuha llum, imma x'aktarx li kienu l-Biżantini, u mhux l-Għarab li għamlu dan).

Mal-Għarab hawn ħafna leġġendi u qlajjiet li, sbieħ kemm huma sbieħ, m'għandhomx jitwemmnu iżjed. Jingħad li kien il-Konti Ruġġieru li tana l-ilwien tal-bandiera tagħna, iżda llum huwa magħruf li l-bnadar tan-nazzjonijiet bdew jiġu użati ħafna snin wara l-miġja tiegħu f'Malta fis-sena 1091.

Lanqas huwa minnu li l-Konti Ruġġieru keċċa lill-Għarab minn Malta. Dan tixhdu l-Ġebla ta' Majmuna li llum tinsab fil-Mużew tal-Arkeoloġija li hemm fiċ-Ċittadella t'Għawdex. Il-Ġebla ta' Majmuna hija rħama li darba kienet fuq qabar ta' tfajla jisimha Majmuna. Instabet madwar tliet mitt sena ilu, f'għalqa bejn ix-Xewkija u Sannat, żewġt irħula Għawdxin. L-irħama għandha l-kitba bl-Għarbi fejn tgħarrafna li ċ-ċkejkna Majmuna mietet il-Ħamis 21 ta' Marzu, 1174. Il-lapida fiha wkoll poeżija sabiħa fejn Majmuna tistaqsi x'se jsir minnha meta tiltaqa' mal-Ħallieq tagħha.



**L-Għarab f'Malta – xena barra l-belt qadima tal-Imdina**